# IL-GALLOZZ

## Ta' KILIN

Is-Salini, wara nofs in-nhar tat-Tlieta tal-Karnival. Skiet u sliem, wara sitt xhur ta' kwiet bla waqfien, u jien u int, Wenz, mill-ġdid waħedna. Warajna, fil-bogħod, leħen it-tfal iż-żgħar jitbandlu u jiżżerżqu ħdejn il-masġar ta' Kennedy qisu t-tpespis ferrieħi ta' l-agħsafar.

Il-ħamrija mxaqqa bin-nixfa żammet is-sinjali tat-tyres li ħallew il-karozzi fix-xitwa. Ħdejna l-ilma hiemed qisu mera bejn il-qasab. Fakkarni f'Hyde Park, imma m'hawnx il-papri bil-frieħ żgħar daqs flieles jgħumu warajhom bħal ma kien hemm Hyde Park. Hawn ma tidhirx rixa u ma tinstemgħax għajta ta' tajra.

Il-ħaxix bidel lewnu u libes il-kaki, u l-fjuri tar-rebbiegħa, minbarra dik il-leblieba roża qisha tromba ta' gramophone antik, nixfu kollha. Le. Fadal ukoll din l-iris, fjamma tal-gass ikħal ħierġa mill-art. Doqq xi ħaġa, Wenz.

"Zoltan Kodali?"

"Tajjeb, doqq, u ħallini nserraħ qalbi u noħlom...

Tħaxwix, ġiri ta' klieb, u wasal ħabibi Lino, raġel mill-iżjed fabbli li naf. Iżda llum liebes ta' kaċċatur, b'ċinturin skrataċ, barżakka, berritta tal-pizz u senter Browning ta' ġmiel kbir, b'magazin ta' ħames skrataċ.

"Ara Kilin! Kollox sew?"

"Niżżiħajr 'l Alla! U int? Ġejt teqred il-ħajja?"

"Mhux kulħadd għandu xi delizzju?"

U baqa' sejjer, maż-żewġ uliedu, (wieħed minnhom għad ikun pittur tajjeb, ħallieq tal-ġmiel) isaffar lill-klieb u jfittex xi ħaġa x'joqtol. Il-klieb igħaġġbuk kemm huma mħarrġa tajjeb u kemm jifhmu. Jaqbżu fl-ilma, jiġru qalb il-qasab, ifittxu t-tajra, u meta ma jsibu xejn iħarsu lejn sidhom, u dan b'idu jurihom fejn iridhom imorru u jobduh qishom kienu bnedmin. Klieb sbieħ u bravi, imma għalija ta' min jistmerrhom, bħal dawk l-imsieken li biex jinħabbu mal-prinċipal jiġġakbinjaw lil sħabhom. Wenzu siket.

"X'ġej issa?"

"Bela Bartok?"

"Mela qbadt ma' l-Ungeriżi, Wenz?"

Ħasditni! Ħarġet tajra mill-qasab, u taret kemm kemm ma tmissx ma' l-ilma, lejn in-naħa l-oħra ta' l-ilma. Il-kaċċatur kien aljenat, u sakemm ipponta kienet tbiegħdet. Imma l-klieb marru warajha, u bdew ifittxu, b'ħafna tħaxwix, fil-qasab. Bdejt nitlob li ma jsibuhiex.

"Doqq qawwi, Wenz, biex titgerrex lejn in-naħa l-oħra!"

Il-klieb għaqlin tajruha, u miskina taret dritt għal quddiem il-kaċċatur, u tir wieħed biss tal-Browning kien biżżejjed biex jaqsmilha ġewnaħ. Waqgħet fi spiral dejjaq, u bilkemm messet ma' l-ilma li l-kelb ma ġabarhiex.

Sidha ġie lura daħkan.

"Dik x'inhi, Lin?"

"Gallozz", qalli, u wrieni ċappa rix imqanfed u maħsul bid-demm li ftit ilu kien għasfur itir b'majesta' u grazzja fuq il-wiċċ tal-mera tal-ilma.

"X'se tagħmel bih?"

"Ara x'qallek! Nibbalzmah."

Xi swied il-qalb ħallieli, Wenz. Jimlew il-vetrini bl-agħsafar ibbalzmati, u l-ilmijiet u l-imsaġar tagħna jixxenqu l-għanja ta' għasfur. Mewt u qerda nxerrdu kull fejn ngħaddu, Wenz!

Marru l-kaċċatur u l-klieb, u bqajna jien u int, Wenz, u dik l-iris kaħla, li issa għandha f'qalbha rubin aħmar jiddi, qatra demm ta' gallozz.